MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 29/8

It-Tlieta 30 ta' Gunju 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Maria Micallef – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

029.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

029.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (27(08) [16/6/2020}], 28(08) 2[2/6/2020])

029.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

029.4 Sejħa għall-Offerti: Approvazzjoni tal-Evaluation Report

***GLC/01/2020 Service Tender for the Collection of Household Waste from the locality of Gudja using Low Emission service vehicle.***

029.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

029.6 Rapporti;

029.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

029.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

029.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta neqsin kwart ta` filgħaxija (5.45pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 029.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittra ta` apologija.

## 029.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (27/8 [16/06/20], 28/8 [26/06/20])

Dawn il-minuti 27/8 ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-kunsillier MA Sammut talab biex isir emenda fuq item no: 27.9.7 fejn ghamel referenza ghall-email li kienet baghtet is-Sindku meta fil-korrispondenza taghha qalet li meta s-Sur Sammut jigi elett Sindku jiehu decizjonijiet, fejn fil-fehma tas-Sur Sammut dan mhux diskors li jintqal u ghalhekk talab li ssir apologija minn naha tas-Sindku u din ma gietx milqugha.

Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza ghall-item no: 27.3.8 fejn propona sabiex isiru arbli ta` dawl ghal fatt li din it-triq tinstab mudlama u accena li fil-passat kien hemm diga` applikazzjoni ghal dan is-servizz. Dawk prezenti qabblu li l-Kunsll japplika sabiex jizdiedu l-arbli fi Triq B`Bugia.

**029.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

029.3.1 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-Jum il-Gudja, fejn nfurmat lil dawk prezenti dwar kwotazzjoni li ngibed minghand Ta` Mena Estate. Dawk prezenti qabblu li niehu nies f`dan il-post. Il-Kunsill qabel ukoll li l-prezz ikun ta` hmistax -il ewro u t-transport jithallas mill-Kunsill.

029.3.2 Is-Sindku ghamlet referenza ghal talba li l-Kunsill ircieva sabiex tigi nstallata mera fi Triq Victor Pasmore. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti li din tigi installata.

029.3.3 Is-Sindku prezentat korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand ir-Regjun Nofsinhar dwar proposta biex ir-Regjun johrog sejha wahda ghall-Kunsilli kollha dwar il-manutenzjoni ta` dwal fit-toroq. Wara diskusskjoni, il-Kunsill qabel sabiex juri l-interess u jitlob sabiex jintbaghtu termini u l-kundizzjonijiet u time frame ta` kif ser jibdew isiru xoghlijiet.

029.3.4 Giet prezentata korrispondenza dwar LC Care Project Funds, liema applikazzjoni taghlaq fis-17 ta` Lulju 2020. Il-Kunsill qabel li ghandu japplika ghal dawn il-fondi sabiex ikun ta` ghajnuna ghall-cat feeders tal-lokalita.

029.3.5 Is-Sindku ghamlet referenza dwar talba li saret mill-Knisja sabiex il-Kunsill jghin billi jipprovdi wheel bins biex jitpoggew fic-cimiterju. Is-Sindku proponiet li l-Kunsill ghandu jghin, fejn dawk prezenti qablu unanimament.

029.3.6 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li servizz ta` Sigurta Socjali ser jerga` jibda jinghata mill-binja tal-Kunsill kull nhar ta` Tlieta flok kull nhar ta` Gimgha.

029.3.7 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li Librerija Pubblika ser terga tibda topera mill-gdid. Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex il-Librerija terga` tibda tiftah is-Sibt filghodu. Dwar dan is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jinforma lill-librara dwar dan.

029.3.8 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand l-AKL dwar il-progett ta` Slow Street. Is-Sindku ziedet tghid li l-AKL qed isaqsi jekk il-Kunsill ghandhux juza servizz tal-Perit tal-istess Kunsill jew tal-Assocjazzjoni. Il-Kunsill qabel li jiccekja jekk hemmx xi spejjez jekk il-Kunsill juza servizz tal-perit tal-AKL, biex b`hekk il-Kunsill ikun f`pozizzjoni li jiddeciedi b`mod ahjar.

029.3.9 Is-Sindku prezentat id-disinn ta` kif ser isir ic-central strip ta` Triq Hal Ghaxaq. Il-Kunsill MA Sammut talab sabiex il-Kunsill jistaqsi jekk ic-central strip ghandhiex ghalfejn titawwal daqshekk sabiex ma jintifilfx il-parkegg u talab ukoll sabiex it-traffic light titkompla mas-service road ukoll.

**029.4 Sejħa għall-Offerti: Approvazzjoni tal-Evaluation Report**

***GLC/01/2020 Service Tender for the Collection of Household Waste from the locality of Gudja using Low Emission service vehicle.***

029.4.1 Is-Sindku prezentat ir-Rapport ta` Evalwazzjoni li sar fuq is-Sejha ghall-Offerti ta` Gbir ta` Skart fil-lokalita. Is-Sindku kompliet tghid wara li l-Bord evalwa is-sejhiet kollha li kien hemm, propona li sejha l-aktar wahda vantagjuza kienet tal-kumpanija SRF Cleaning Services, dan wara li l-irhas u tieni l-irhas offerta kienu skwalifikati minhabba li kien hemm certu nuqqasijiet fid-dokumenti li prezentaw. Is-Sindku ziedet tghid li l-offerta tal-kumpanija SRF Cleaning Services kienet tecedi l-estimated budget tal-Kunsill b`dsatax -il elf ewro u s-Sindku proponiet li l-Kunsill ghandu jmur ghal din l-offerta. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

029.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

029.5.1 Il-Vici Sindku JM Calleja nforma lil dawk prezenti li fi Triq Santa Katerina nstabu tlett shelters. Is-Sur Calleja propona sabiex dawn jitnaddfu u l-bokkok jsiru bil-hgieg.

029.5.2 Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex isir stop sign fi Triq J.Gravina kantuniera ma` Triq l-Awrikarja u dan sabiex jigi evitat li jinholoq xi incident.

029.5.3 Il-Kunsillier MA Sammut staqsa dwar kienx hemm xi zvilupp fuq is-sitwazzjoni tal-hamiem fil-lokalita. Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Assocjazzjoni ser tibghat linji gwida dwar din is-sitwazzjoni.

029.5.4 Il-Vici Sindku JM Calleja talab sabiex isir refreshing taz-zebra crossing li hemm fi Triq Hal Tarxien.

029.5.5 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jitnehhew zewg arbli li hemm fuq il-bankina fi Vjal it-Torri hekk kif bhalissa ghaddejin ix-xoghlijiet ghal fatt li qed jinblukaw il-bankina.

029.5.6 Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex isiru jigi nstallat id-dawl fuq iz-zewg nahat mall-istatwa ta` San Guzepp u ta` Santa Marija. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

029.5.7 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex il-Kunsill jirraporta tlett bozzoz li mhux qed jixeghlu fuq iz-zuntier tal-Knisja.

029.5.8 Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex isir riflettur mall-hadid tal-hadid tal-ground tal-football ta` Gnien Raymond Caruana.

029.5.9 Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza ghall-mghaqqad tal-ilma li qed jispicca fi Triq l-Ghejjel. Is-Sur JM Calleja propona sabiex jinqala` konkos ta` Sqaq Munxar u jsir id-dizlivell biex titaffa l-problema.

029.5.10 Il-Kunsillier MA Sammut talab sabiex il-Kunsill jaghmel dik l-istqarrija li kienet diga ntalbet minhabba xoghlijiet li kienu saru minn IM ghan-nom tal-Kunsill Lokali ta` Hal-Ghaxaq. Fejn il-Kunsill jghid li dan ix-xoghol ma sarx mill-Kunsill Lokali tal-Gudja.

029.6 **Rapporti**

Ma kienx hemm.

029.7 **Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina – progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

029.8 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti**

l-lista ta’ pagamenti nru 14/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Vici Sindku JM Calleja u ssekondata mill-Kunsillier MA Sammut għall-ammont totali ta’ €10,817.70 u ġiet approvata nem con.

029.9 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-Laqgha ntemmet fit-tmienja u nofs ta` filghaxija. Is-Sindku aġġornat l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 21 ta` Lulju 2020 fil-6.45pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum Tlieta 21 ta` Lulju 2020

| | |
|---|---|
| Ffirmati | ffirmati |
| Dr. Marija Sara Vella | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |